ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 42 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |

Uffiċċjali

| | |
| --- | --- |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Novembru 2011;
   b) Skeda ta' Ħlas Novembru 2011;
   c) Abbozz ta' l-Estimi Għas-Sena 2010 – 2011;
5. Rapport Amministrattiv 2011;
6. Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
7. Kwotazzjonijiet – Tiżjin tal-Milied;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 41 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item no. 3.1, il-konferenza *Building Together Sustainable Localities*, id-Dipartiment infurmana li din ġiet posposta.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails):-

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 112/2011 sabiex ma jinħarġux permessi għal krejns u skips bejn is-6:30 a.m. u d-9:30 a.m., f'dawk it-toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku.
Memo 116/2011 dwar Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal self mill-Bank, fejn spjegaw il-proċedura ta' x'għandu jsir.
Memo 117/2011 - Skema Nazzjonali ta' Għajnuna għal Min Hu fil-Bżonn - Aġenzija għall-Pagamenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Dawn qed jitolbu forma ta' għajnuna billi l-Kunsill jipprovdi transport biex jinġiebu l-affarijiet li jitqassmu lil min hu fil-bżonn.
Memo 118/2011 - *EIE Excellence in Leadership Scholarship and Award*.

   Infurmawna li ser isiru preżentazzjonijiet ta' ċertfikati – Skema ta' *Lifelong Learning*, din ġiet postposta għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2011, fl-Iskola Primarja ta' Pembroke, fis-6 p.m., ser jattendi s-Sindku.
   Infurmaw ukoll dwar abbozz ta' notifikazzjoni tal-Gvern dwar il-Pjan t'Azzjoni dwar il-bumunqar l-aħmar.
   Bagħatu wkoll Sejħa għall-Applikazzjonijiet biex tkun ipprovduta Sorveljanza Kmieni Filgħodu u Wara l-Ħin tal-Iskola fl-Iskejjel tal-Istat.
   Irċevejna wkoll il-programm dwar Sena Ewropea tal-Volontarjat.

2. Mill-MEPA rċevejna dwar Applikazzjoni ġdida PA 1641/11 dwar sanzjoni sabiex jitpoġġa sinjal mal-faċċata ta' ħanut eżistenti f'Dawret Ħal Għaxaq.
Infurmaw ukoll li nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2011, fl-10:00 a.m. ser tiġi diskussa PA 4854/09 – *Delimara Power Station*.
Mill-MEPA rċevejna dwar DCC ( annessi)
Irċevejna wkoll dwar PA 1066/04 tal-Gnien Palazzo Giannini, fejn infurmaw li jekk isir appell, irid isir ħlas u jitressaq mill-avukat tal-Kunsill il-Qorti. Is-Sinjura Agius astjeniet mid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill biex jipproċedi bl-appell.

3. Mingħand l-Onor. Dr. J. Azzopardi, fejn qed jitlob lill-Kunsill Lokali f'isem ir-residenti ta' Triq il-Ġistakor sabiex jieħu ħsieb inaddaf u jtella' ċint fil-biċċa art li hemm fl-istess triq.

4. Mingħand l-Onor. S. Parnis, fejn talab lill-Kunsill sabiex jagħmel kuntatt mas-Sur Vella li joqgħod 5, Triq San Filippu, minħabba bankina ma' ġenb tat-triq fejn jabita hu.
Infurmana wkoll li peress li huwa l-Kelliem Ewlieni għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nofsinhar t'Malta, għaldaqstant informa li meta tiġi diskussa xi materja mportanti jkun mgħarraf biha.

5. Mingħand Bonnici Bros. Ltd., fejn baghatu l-*Bill of Quantities* ta' xogħolijiet li saru fit-toroq ta' *Part* I tal-PPP, iżda dan huwa *civil works* u bil-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u Bonnici dawn jistgħu jitħallsu meta x-xogħol jitlesta.

6. Mingħand l-*Econing*, infurmaw li t-*Tender* tal-PV, dwar l-aħjar offerta, sabiex jiġi nstallat fl-Uffiċċini tal-Kunsill. Dawn indikaw li jekk ix-xogħol ikun garantit għal 10 snin il-Kunsill għandu jieħu l-offerta li hi ftit aktar għolja iżda hi dejjem l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel li l-*Econing* jiġu mitluba jagħtu spjegazzjoni dwar liema huma l-aħjar pannelli.

7. Mingħand *Heritage Malta*, dwar il-proċeduri finali tal-Konferenza ESF1.31, DVD annessa.

8. Mingħand is-Sinj. Melissa Fenech, *social worker*, informazzjoni dwar *Out of Home-Care Programme* fi ħdan l-Agenzija Appoġġ.

9. Mingħand *Reboot*, fejn qed jistiednu lill-Kunsill sabiex issir laqgħa magħhom u jiġu diskussi l-problemi li qed ikollhom jaffaċċjaw ir-residenti minħabba r-riforma li saret fit-trasport pubbliku. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' *Reboot*.

10. Mingħand l-ETC, fejn infurmaw li l-parteċipazzjoni tas-Sur Raymond Martin ser tigi mġedda b'sitt xhur oħra.

11. Mill-AKL, infurmaw li *Noise Abatement Society of Malta*, tixtieq li tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali, sabiex isiru inizjattivi flimkien. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma' l-NASM.
L-AKL infurmaw li ser issir konferenza STANDUP fis-16 u 17 ta' Jannar.

12. Mingħand *JB Electronics*, f ejn bagħatu l-kwotazzjoni tac-CCTV tal-uffiċċju peress li ma kienux għandhom qed jaħdmu, u l-ispiża tkopri l-ammont ta' € 250 inkluż il-VAT. Il-Kunsill qabel li dawn il-kameras jsiru.

13. Mingħand is-Sinj. E. Barbaro Sant, fejn infurmat li ppublikat ktieb bl-isem ta' 'Siltiet mill-Imgħoddi ta' Ħajti' għal prezz ta' € 13.

14. Mingħand il-Perit Marvin Ellul, fejn bagħat jinforma li ċertifika t-toroq tal-PPP ta' Phase 1, fejn l-ammont li ddikjara Bonnici huwa korrett u kif stipulat fit-*tender*. Bagħat ukoll xi kontijiet li għadhom pendenti.

15. Mill-Kumitat Sezzjonali Nazzjonalisti, stedina lis-Sindku, Segretarju w l-Kunsillieri għal riċeviment fl-10 ta' Diċembru, 2011, fis-7:30 p.m.

16. Mill-Għaqda Mużikali St.Marija, stedina lis-Sindku, Kunsillieri u staff għal riċeviment fis-27 ta' Diċembru, 2011, fis-7:30 p.m.

17. Miċ-Ċentru Laburista Għaxaq, fejn mstiednu lis-Sindku, Kunsilliera u staff għal riċeviment fis-17 ta' Diċembru, 2011, fis-7: 30 p.m.

18. Irċevejna tlett kwotazzjonijiet mingħand Neriku, James Caterers, Dolceria Primavera, għar-riceviment tal-Kunsill fit-30 ta' Diċembru, 2011. Is-Segretarju qalet li l-aħjar prezzijiet huma tal-Primavera, għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-ordni issir mingħand Dolceria Primavera.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Onor. Dr. Gonzi, dwar it-trasport pubbliku peress li nħattret it-*task force* li ser jieħu ħsiebha hu, fejn ressaqna t-talba tagħna sabiex ikollna karozza tal-linja li bħala rotta tkun tieqaf Raħal Ġdid, peress li huwa essenzjali ħafna li din tieqaf hemm minħabba diversi raġunijiet u l-X5 ma tinkludix Raħal Ġdid bħala parti mir-rotta tagħha. Gejna nfurmati minn Dr. Gonzi li ser isiru xi tibdiliet f'Diċembru u qed isir monitoraġġ sabiex il-quddiem jiġu deċiżi dawn il-kwestjonijiet.

b) Intbagħatet e-mail lill-Dr. Jason Azzopardi,dwar il-biċċa art li hemm 'Ta' L-Andar' li tinsab ħdejn il-ground tal-Football. Il-Kunsill talab li jkun jaf meta nħareġ l-avviż tal-offerta, fejn Dr. Azzopardi nforma li dan ġie pubblikat fit-13 ta' Novembru, 2009 u din is-sejħa kienet għal kiri.

ċ) Intbagħat e-mail lis-Sur Austin Walker, *Chairman* tal-MEPA, dwar PA 1066/04, fejn tlabnih inkunu nafu jekk il-MEPA oġġezzjonatx għad-deċiżjoni li tittieħdet mill-*Board*. Is-Sur Walker informa li l-MEPA ma oġġezzjonatx għad-deċiżjoni li ħa t-Tribunal, peress li ma kienx hemm bażi fuq xhiex toġġezzjona.

d) Intbagħatet e-mail lill-Perita Cutajar fi ħdan il-WSC, fejn awtorizzajniha sabiex jerġgħu jsir mill-ġdid ir-rampi tal-garxxijiet li kien hemm fi Triq B'buġia peress li dawn tkissru sabiex isiru s-servizzi mill-istess korporazzjoni.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru 2011 li kienu jammontaw għal €31.12 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€31.12 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas – Novembru 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2011 u li jammontaw għal €13,370.80. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

c. *Is*-Segretarju ħejja abbozz ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2012 ibbazat fuq id-dħul u l-ħruġ li kien hemm fis-sena preċedenti. L-abbozz ġie moqri u diskuss u wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan l-abbozz jiġi aġġornat u ppreżentat għad-diskussjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

L-Estimi kif aġġornati wara jkunu approvati f'Seduta oħra.

5. **Rapport Amministrattiv 2011**;

Is-Segretarju ħejjiet Rapport Amministrattiv li jkopri l-ħidma mwettqa mill-Kunsill matul is-sena 2011.

Wara diskussjoni, l-membri qablu mal-abbozz li se jkun mressaq għas-Seduta Annwali.

Ir-Rapport tressaq mis-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier Agius.

6. **Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Wara diskussjoni qasira dwar l-aħjar ġurnata meta ssir il-Laqgħa Annwali, sar qbil li ssir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2012, u tkun segwita b'Laqgħa tal-Kunsill.

Fil-laqgħa jittieħdu l-ilmenti tal-pubbliku u reġistrati fil-Minuti biex il-Kunsill jara x'jista' jattwa minnhom. Il-Kunsill ikun jeħtieġ li japprova l-Estimi għas-Sena d-dieħla wara li tintemm il-Laqgħa tal-Lokalita'.

7. **Kwotazzjonijiet – Tiżjin tal-Milied**

Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied. Is-Segretarju qalet li saret laqgħa fejn kien hemm preżenti s-Sindku, il-Viċi-Sindku, s-Sinjura Rose Agius flimkien mas-Segretarju u infetħu l-kwotazzjonijiet kif ġej:

- Ricky Caruana għal tiżjin fit-toroq għal prezz ta' €1,600 VAT inkluża;
- L-Għaqdiet Mużikali dik ta' San Guzepp u ta' Sta. Marija flimkien għal tiżjin fit-toroq għal prezz ta' €800.

Wara diskussjoni ġie deċiż li l-aħjar offerta hi dik ta' l-Għaqdiet Mużikali flimkien għal prezz ta' €800.

Il-Kunsill approva id-deċiżjoni ta' dawk li kienu preżenti meta nfetħu l-offerti.

8. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk kienx hemm risposta dwar il-laqgħa għall-anzjani, is-Segretarju qalet li l-Kunsill għadu ma' rċieva xejn.

2. Il-Kunsillier Attard qal li hemm siġra tat-tin fejn l-iskips ta' ħdejn il-*Bank of Valletta* li tinħtieġ żabra. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Agius qalet li fi Triq id-Dejl hemm biċċa fin-nofs tat-triq fejn għamlu xogħol tal-*Water Services Corporation* fejn ma għamlux *re-instatement* tajjeb. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb ta' dan

4. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tintbagħat ittra lil-*Transport Malta* biex tittranġa ħofra quddiem il-ġibjun. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Viċi Sindku qal li fin-niżla ta' Ħas Saptan hemm ħafna ħofor li jeħtieġ jittranġaw. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li nordnaw 100 borża tarmak biex dawn il-ħofor isiru. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li jeħtieġ inqabbdu l-kuntrattur tal-*patching* biex isir *patching* fi Vjal il-Labour ħdejn il-Mużew tal-bniet. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Kunsillier Attard qal li jeħtieġ isiru tabelli f'Ħas Saptan fejn jikkampjaw in-nies biex dawn ma jħallux skart warajhom għax ta' l-iscammel ma jmurx jiġbor hemmhekk. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sindku qal li s-sena d-dieħla fi Triq Carmelo Rosario Dimech ser isiru 2 pulzieri tarmac u l-bankina.

9. Is-Sindku qal li jeħtieġ li l-Kunsill jibagħat l-Awguri lir-residenti. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sur Vassallo qal li d-dawl li hemm il-bandli fuq Santu Rokku bil-ħsara u l-aħjar isiru żewġ rifletturi filwaqt li d-dawl eżistenti jiġi eliminat għax sikwit ikun bil-ħsara u biex jittranġaw il-wires trid tinqala' l-art. Il-Kunsill qabel li jsiru r-rifletturi.

## 9. Aġġornament

Is-Sindku fl-4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2012, fis-2:00 pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati:- It-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2012, fis-2.00pm.**